# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA 19 TA' OTTUBRU, 2023**

**Kawża Numru: 4**

**Rik. Ġur. 937/2016 RGM**

**Signal 8 Security Services Malta Limited**

**vs.**

**Bonnici Bros. Ltd**
**MDM Costruzioni Generali srl**
**BM Tunnel Joint Venture (konsorzju taż-żewġ soċjetajiet premessi)**
**U b'digriet tal-15 ta' Mejju 2017 ġiet kjamata in kawża**
**s-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd**

**Il-Qorti:**

1. Rat li b'rikors maħluf tad-19 t'Ottubru 2016 is-soċjetà attriċi Signal 8 Security Services Malta Limited fissret li kienet ġiet inkarigata mill-konvenuti jew min minnhom biex tipprovdilhom servizzi ta' sigurtà fuq medda ta' żmien. Ippremetiet li s-servizz eżegwit kien għall-prezz globali ta' wieħed u erbgħin elf tlett mija u tlettax-il ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€41,313.89), kif

jirriżulta mir-rendikont anness mal-istess rikors liema rendikont ikopri l-fatturi maħruġa bejn il-31 ta' Mejju 2015 u t-30 t'April 2016. Fissret li il-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali tal-21 ta' Lulju 2016 sabiex iħallsu l-imsemmi ammont pretiż iżda baqgħu inadempjenti. Kien għalhekk li bis-saħħa ta' din it-talba, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti:

> "1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Tiddikjara għar-raġunijiet fuq spjegati, illi s-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, huma debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf tlett mija u tlettax-il ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€41,313.89);
>
> 3. Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom iħallsu lis-soċjetà rikorrenti, din l-istess somma.
>
> Bl-imgħax legali li jitħallas mid-data ta' kull fattura, u bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetajiet intimati, jew min minnhom (inkluż tal-ittra uffiċjali bin-numru 2462/16) li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni."

2. Il-Qorti kif diversament preseduta waqt is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2016 wara li qieset li s-soċjetajiet konvenuti jistgħu ikollhom eċċezzjonijiet x'jissottometti, ipprovdiet dwar l-ewwel talba attriċi billi akkordat 20 ġurnata żmien sabiex s-soċjetà Bonnici Brothers Ltd tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet filwaqt li s-soċjetà estera ingħatat sal-20 ta' Jannar 2017 sabiex tippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha.

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Bonnici Bros Ltd u BM Tunnel Joint Venture ppreżentata fit-2 ta' Jannar 2017 fejn eċċepiet in linea preliminari li s-soċjetà Bonnici Bros Ltd m'hijiex leġittimu kontradittur u dan għaliex is-soċjetà attriċi ma rrendiet ebda servizz lill-imsemmija soċjetà konvenuta u dan għaliex Bonnici Bros Ltd ma tiffurmax parti mill-konsorzju BM Tunnel JV. Ġie eċċepiet ukoll li s-soċjetà attriċi għandha tipprova li l-konsorzju huwa prosegwibbli indipendentement mill-entitajiet li jikkomponuh. Kompliet li l-konsorzju BM Tunnel JV m'għandux persunalità ġuridika u għalhekk m'għandu ebda *locus standi* f'din il-kawża u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-mertu eċċepiet li s-soċjetà attriċi ma rrendietx is-servizz pattwit lill-membri

tal-konsorzju u kienet responsabbli għal danni kkaġunati lill-istess membri minħabba inċident ipprovokat minn impjegat tas-soċjetà attriċi u għalhekk m'huwa dovut ebda korrispettiv għal xogħol li mhux talli ma kienx ta' utilità anzi rrekka danni inġenti lill-konsorzju.

4. Wara li b'nota tal-11 ta' Jannar 2017 is-soċjetà MDM Costruzioni Generali s.r.l (is-soċjetà estera) tat ruħha notifikata bl-atti tar-rikors ġuramentat, l-istess għaddiet sabiex fl-istess data ppreżentat risposta ġuramentat fejn eċċepiet li l-ġudizzju mhux integru stante li mhux il-partijiet kollha huma parti fil-kawża u wkoll li l-konsorzju BM Tunnel Joint Ventura m'għandux persunalità ġuridika u għalhekk m'huwiex leġittimu kontradittur. Fil-mertu eċċepiet li s-soċjetà attriċi kienet inadempjenti fl-obbligi tagħha u kienet hija li sofriet danni konsegwenza ta' dan.

5. Is-soċjetà estera resqet ukoll kontro-talba fejn fissret li waqt li s-soċjetà attriċi rikonvenuta kienet qiegħda tagħti servizz ta' sigurtà lis-soċjetà rikonvenzjonanta fit-3 ta' Jannar 2016 fis-sit sitwit fl-Imrieħel li kien taħt il-kontroll u / jew kustodja tal-istess soċjetà rikorrenti rikonvenuta u fejn l-istess soċjetà rikonvenuta kienet obbligat ruħha li tagħti servizz ta' sigurtà sar użu mingħajr il-kunsens tas-soċjetà rikonvenzjonanta tal-vettura tat-tip Fiat Stilo appartenenti lis-soċjetà rikonvenzjonanta u ġew ikkaġunati danni lil din l-istess vettura kif ukoll il-lifter Merlo Roto 38.16 li wkoll huwa proprjetà tas-soċjetà rikonvenzjonanta, it-tnejn kienu fis-sit kontrollat mis-soċjetà rikonvenuta. Fissret li kien l-obbligu tas-soċjetà rikonvenuta li tassigura li inċident bħal dawn ma jseħħux. Għalhekk bis-saħħa tal-kontro-talba, is-soċjetà rikonvenuta qiegħda titlob lill-Qorti

> "1. Tiddikjara illi s-socjeta rikorrenti rikonvenuta hija responsabbli ghad-danni li s-socjeta esponenti sofriet bhala rizultat tal-incident li gara fis-sit fuq imsemmi fit-3 ta' Jannar 2016;
>
> 2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta esponenti;
>
> 3. Tikkundanna lis-socjeta rikorrenti rikonvenuta thallas lis-socjeta esponenti id-danni hekk likwidati.
>
> Bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez."

6. Rat li fl-1 ta' Frar 2017 is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata ppreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha fejn eċċepiet li t-talbiet huma impronobbili stante li ma jissodifawx l-elementi maħsuba mill-Artikolu 396 et seq tal-Kapitolu 12. Fit-tieni lok eċċepiet li s-soċjetà rikonvenzjonanti għandha ġġib l-aħjar prova li turi li hija s-sid tal-vettura Fiat Stilo u tal-lifter Merlo Roto. Fil-mertu eċċepiet li qiegħda tikkontesta l-fatti kif allegati mis-soċjetà rikonvenzjonanta kif ukoll l-ilment li soffriet xi danni li għalihom tista' tkun responsabbli hi.

7. Wara li sar rikors tad-19 t'April 2017 għal kjamat in kawża tas-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd, u qieset li ma kien hemm ebda oġġezzjoni, il-Qorti diversament presjeduta, b'digriet tal-15 ta' Mejju 2017 laqgħet it-talba u kjamat in kawża s-soċjetà Bonnici Bros. Contractors Ltd. (aktar 'l isfel is-soċjeta' konvenuta MDM Costruzioni Generali srl u s-soċjeta' kjamata in kawża Bonnici Brothers Contractors Ltd imsejħa flimkien **il-Konvenuti**.)

8. Rat li b'nota tal-11 ta' Lulju 2017 il-kjamata in kawża aderixxiet ruħha mar-risposta ġuramentata ta' Bonnici Bros. Ltd.

9. Wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2023[1], in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà estera ippreżentata fl-20 t'April 2023[2] u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet[3], il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-azzjoni**

10. Il-proċeduri odjerni jirrigwardaw servizz ta' sigurtà mogħti mis-soċjetà attriċi lill-konvenuti jew min minnhom u dan bis-saħħa ta' skritturi privati magħmul bejn is-soċjetà attriċi u l-konsorzju fit-22 t'Ottubru 2012[4] u ieħor tat-18 ta' Marzu 2013[5]. Jiġi ilmentat mis-soċjetà attriċi li ġie esegwit servizz fis-somma globali ta' €41,313.89 u baqgħet qatt ma ġiet imħallsa mill-konvenuti. Huwa

[1] Fol 309 et seq tal-proċess.
[2] Fol 317 et seq tal-proċess.
[3] Traskritta a fol 341 et seq tal-proċess.
[4] Fol 94 et seq tal-proċess.
[5] Fol 99 et seq tal-proċess.

għalhekk li bil-kawża odjerna talbet lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom huma debituri fis-somma hawn imsemmija.

11. Is-soċjetà estena min-naħa tagħha resqet kontro-talba fil-kuntest ta' inċident li seħħ fit-3 ta' Jannar 2016 fejn allegatament sar użu minn vettura tal-għamla Fiat Stilo li kienet tappartjeni lis-soċjetà estera u bħala konsegwenza ġew ikkaġunati danni lil din il-vettura kif ukoll il-lifter tal-għamla Merlo Roto 38.16 li wkoll jappartjeni lis-soċjetà estera. Bis-saħħa ta' din it-talba rikonvenzjonali s-soċjetà estera talbet lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà rikonvenuta hija responsabbli għad-danni hawn imsemmija, tillikwida d-danni u tikkundanna lis-soċjetà rikonvenuta tħallas id-danni hekk likwidati.

Ikkunsidrat

**Provi**

12. Xehed id-direttur tas-soċjetà attriċi **Joseph John Grech** fejn spjega li s-soċjetà attriċi kienet tagħti servizz ta' sigurtà lis-soċjetà Bonnici Brothers u eventwalment lill-konsorzju f'diversi postijiet. Jgħid li x-xogħol tagħhom kien li jiżgura li jżommu l-post bla periklu u sigur. Spjega li t-talba tas-soċjetajiet konvenuti kienet li jkun hemm *security guard* fuq il-post li jagħmel *access control* ċioe jkun jaf min daħal fuq il-lant tax-xogħol, min huwa awtorizza li jidħol u joħroġ u jżomm rendikont ta' dan kif ukoll li jara s-sigurtà ġenerali tal-post fosthom li jiċċekkjaw li l-ħaddiema għandhom it-tagħmir meħtieġ biex jaħdmu fuq sit ta' kostruzzjoni. Jinsisti li huma dejjem taw s-servizz tagħhom sal-aħħar siegħa, bin-nies dejjem fuq il-post u qatt ma kellhom ilmenti li s-servizz m'huwiex jingħata. Spjega li l-konsorzju dejjem tathom problemi biex iħallsu. Jgħid li huwa jaf li l-konsorzju kellu problemi mal-ħaddiema tiegħu stess għax ma kinux qegħdin jitħallsu. Ix-xhud jikkontesta l-ilmenti kollha mressqa mis-soċjetà estera. Jinnega li l-ħaddiema tiegħu ma kienx ikollhom it-tagħmir adegwat għal fuq il-post tax-xogħol. Fir-rigward tal-kontro-talba, spjega li l-konsorzju kien jippreferi li jkollhom *security guards* Taljani magħhom minħabba raġuni ta' lingwa. Jgħid li kien il-konsorzju stess li awtorizza lil dan it-Taljan jagħmel użu mill-vettura meta tkun ix-xita biex jagħmel *patrol* biha. Jgħid li huwa ma kienx hemm però qalulu li dan ħabat bil-vettura u baqa' dieħel ġo *lifter* tal-istess soċjetà u għamel ħafna ħsara. Jgħid li huwa qatt ma kien ġie avviċinat mis-soċjetà estera titolbu l-awtorizzazzjoni tiegħu sabiex ħaddiem juża vettura privata. Jgħid li kieku kien sar hekk huwa

ma kienx jagħti l-awtorizzazzjoni tiegħu. Jispjega li huwa ma jistax jifhem kif Fiat Punto, li fi kliemu kienet ser taqa' biċċiet, għamlet danni ta xi €33,000. Għal mistoqsija jekk l-ammont allegatament dovut lis-soċjetà attriċi jinkludix fih servizzi mogħtija lil Bonnici Brothers biss, ix-xhud spjega li ma kien hemm ebda kontijiet pendenti minn Bonnici Brothers weħidhom, il-pendenzi huma mal-konsorzju.

In kontro-eżami ikkonferma li t-Taljan li kien qiegħed isuq il-vettura ma baqax jaħdem magħhom u waqaf ftit wara l-inċident imsemmi. Jikkonferma wkoll li huwa ma kienx fuq il-post meta sar l-inċident u wkoll li huwa qatt ma ra l-apparat li fih ħabat it-Taljan. Spjega li r-ritratti tal-ħsara ntbagħtu mis-soċjetà estera. Jikkonferma li *security guard* wieħed kien hemm fuq il-post fejn seħħ l-inċident. Rigward il-mezzi, ix-xhud jispjega li hemm siti fejn jipprovdu karozzi però fis-sit fejn seħħ l-inċident ma kienx hemm bżonn. Jinsisti li fuq dak is-sit ta' kostruzzjoni il-karozza nstaqet bil-buona volontà tas-soċjetà estera. Meta ġie mistoqsi kif jaf li kienet bil-volontà tas-soċjetà estera, ix-xhud jgħid li kien il-ħaddiem tagħhom li nformahom b'dan però jikkonferma li affidavit f'dan is-sens m'għandux. Meta ġie mistoqsi kif iddetermina kemm il-*security guard* kellu jintbagħat, ix-xhud spjega li huwa l-klijent li jiddetta kemm irid *security guards*. F'dan il-każ is-soċjetà talbet wieħed u huwa aċċetta għaliex ix-xogħol tiegħu kien ser ikun *access control* u jiżgura li bil-lejl ma jidħol ħadd. Jgħid li għalih *security guard* wieħed kien biżżejjed.

Ix-xhieda ta' Joseph John Grech tkompliet fit-8 ta' Frar 2018 fejn ippreżenta għadd ta' dokumenti. L-ewwel wieħed huwa ta' email datat 19 ta' Jannar 2016 u mibgħut mingħand certu Joe Cassar li bih ġie infurmat bl-inċident tat-3 ta' Jannar 2016. Din l-email tgħid ukoll li l-impjegat tiegħu kien ikkonferma li ma kinitx l-ewwel darba li għamel użu minn din il-karozza. Ippreżenta sett ritratti tal-vettura li turi d-daqqiet fuq quddiem in-naħa tax-xellug tal-vettura. Jippreżenta wkoll ritratt tal-lifter però m'huwiex il-lifter proprju li miegħu ħabat l-impjegat tiegħu. Ippreżenta wkoll rendikont tal-fatturi kif ukoll l-aħħar żewġ fatturi li juru r-rata fis-siegħa.

Jgħid li fis-seduta preċedenti ġew akkużati li ma kinux jagħmlu xogħol sew u kien għalhekk li ppreżenta għadd ta' emails li juru li huma kienu qegħdin jiġu ingaġġati mill-konsorzju sabiex jagħtu s-servizz tagħhom. Spjega li qiegħed jippreżenta email ieħor li juri li huma kienu jiċċekkjaw id-diriġenti tal-proġett u sabu li kien hemm numru ta' nuqqasijiet li qalulhom bihom f'din l-email.

Jgħid li b'dak l-email irid juri li mhux talli ma jagħmlux xogħolhom tajjeb talli jgħidulhom biex jirranġaw ċertu affarijiet sabiex ix-xogħol ikun jista' jsir aħjar. Ippreżenta wkoll korrispondenza elettronika rigwardanti l-pagamenti. Ippreżenta wkoll tlett kuntratti – tnejn mal-konsorzju[6] u wieħed ma' Bonnici Brothers Ltd[7] – li juru r-rabta li daħlu fiha sabiex jipprovdi s-servizz ta' *security*. Jippreżenta wkoll korrispondenza datata 7 ta' Frar 2018 mibgħuta minn Bonnici Groups fejn fiha intalbu jagħtuhom ir-rata għas-servizz ta' żewġ *security guards*.

In kontro-eżami miżmum fit-2 ta' Lulju 2018 ix-xhud ikkonferma li r-rendikont li ppreżenta huma tal-fatturi li ma sarx ħlas tagħhom. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk jinżammx rendikont ta' x'ħin daħal u x'ħin ħareġ l-impjegat u jekk ikunx għamel *patrols* u kemm-il darba. Ix-xhud spjega li fuq is-sit jinżamm *logbook* li fih jitniżżel il-ħin ta x'ħin daħal u ħareġ u x'għamel waqt dak ix-xift. Jispjega li meta jgħaddi ċertu żmien huma jarkivjawhom. Ix-xhud ikkjarifika li huwa ċert li għax-x-xogħol li ġie prestat lill-konsorzju inħarġu rċevuti indirizzati lill-konsorzju u fejn sar xogħol lil Bonnici Brothers, l-irċevuti jingħataw lil Bonnici Brothers. Ġie mistoqsi jekk għamilx *risk assessment* qabel beda ix-xogħol, ix-xhud jgħid li le. Ġie mistoqsi jekk il-ħaddiema tiegħu jistgħux jagħmlu użu mill-vetturi ta' min iħaddimhom, ix-xhud jgħid li le.

In ri-eżami x-xhud ikkjarifika li huwa qatt ma ġie mitlub jagħmel *risk assessment*.

Reġa xehed in kontro-eżami fis-7 ta' Novembru 2018 fejn qal li l-impjegat li kien involut fl-inċident kien jismu Manfredi Zangari. Dwar il-*logbooks* jgħid li dawn m'humiex fl-arkivji tagħhom iżda jinżammu mill-klijenti tagħhom u dan għaliex l-informazzjoni hija tal-klijent. Jispjega li huma ma jżommux kopja tal-imsemmija *logbooks*.

13. Xehed ukoll **Mario Bonnici**, direttur tal-kumpanija Bonnici Brothers Contractors Ltd, fejn ippreżenta kopja tal-kuntratt tal-konsorzju li kien sar bejn Bonnici Brothers Contractors Ltd u MDM Costruzioni Generali s.r.l. Miegħu hemm ukoll l-*addendum* għal kuntratt ta' konsorzju li sar fit-12 ta' Lulju 2013.

[6] Datati 22 t'Ottubru 2012u 18 ta' Marzu 2013.
[7] Datat 31 t'Awwissu 2018.

14. **Mario Murano** xehed permezz t'affidavit u bil-lingwa Taljana spjega li huwa l-unika direttur tas-soċjetà MDM Costruzioni Generali s.r.l. Jgħid li bejn is-sena 2011 u 2012 is-soċjetà MDM u Bonnici Brothers Contractors Ltd ipparteċipaw f'żewġ tenders maħruġa mill-Gvern Malti bl-ismijiet National Flood Relief Project (NFRP) – Tender for Design & Build of Birkirkara, Gzira, Wied is-Sewda Storm Water CT 3032/2011 u National Flood Relief Project (NFRP) – Design and Build of Zabbar-Marsascala Tunnels. Għal dawn il-proġetti is-soċjetajiet MDM u Bonnici Brothers Contractors daħlu f'konsorjzu, wieħed fit-8 t'Awwissu 2011 u l-ieħor fit-28 ta' Mejju 2012 u qablu li r-responsabbiltà tax-xogħol għandha tkun 60% ta-soċjetà MDM u 40% tas-soċjetà Bonnici Brothers Contractors. Jispjega li s-soċjetà MDM kienet il-kumpanija ewlenija ta' dawn iż-żewġ proġetti. Spjega wkoll li huwa kien id-direttur tal-konsorzju. Jgħid li s-soċjetà attriċi ġiet ingaġġata fit-18 ta' Marzu 2013 sabiex tagħmel il-kontrolli fis-sit. Jgħid li kien hu li ffirma l-kuntratt mas-soċjetà attriċi. Kompla jgħid hekk kien hemm okkażżjonijiet fejn il-ħaddiem tas-siġurta tas-soċjeta attriċi ma kienx ikun fuq il-post meta l-ħaddiema tal-konsorzju jkunu spiċċaw ix-xogħol u ser jitilqu bil-konsegwenza li l-ħaddiema tal-konsorzju kienu jkunu kostretti jibqgħu fuq il-lant tax-xogħol sakemm jasal il-ħaddiem tas-sigurta. Jilmenta wkoll illi l-ħaddiema tas-sigurta ma kellhom abbiljament idoneu għax-xoggħol tagħhom.

Għadda imbagħad sabiex jagħmel referenza għall-inċident li kien involut fih Manfred Zangari, impjegat tas-soċjetà attriċi u jgħid li fit-3 ta' Jannar 2016 l-imsemmi ċempel lill-Inġinier Rosini li kien l-Italja u informah li kellu inċident bil-vettura Fiat Stilo li kienet fuq is-sit ta' kostruzzjoni ġewwa Birkirkara. Jgħid li huwa saq din il-vettura fuq l-inizjattiva tiegħu mingħajr qatt ingħata awtorizzazzjoni mis-soċjetà estera li jsuq din il-vettura. Jgħid li ġiet ikkawża ħsara estensiva kemm fuq il-vettura kif ukoll fuq Merlo Roto, it-tnejn proprjetà ta' MDM. Jgħid li huwa ta struzzjoni lill-Inġinier sabiex jikkomunika direttament mas-soċjetà attriċi u dan sar permezz ta' email tad-19 ta' Jannar 2016 minn Joe Cassar. Kompla jispjega li wara din il-kommunikazzjoni, Grech mar fuq is-sit ta' kostruzzjoni sabiex jitkellmu u għaraf dak li kien ġara u wara li ra l-istima tal-ħsarat tal-Merlo, Grech kien qallu sabiex jindirizza t-talba għall-ħlas lil Zangari peress li kien hu l-unika wieħed responsabbli. Jgħid li huwa ma' dan ma qabilx peress li huwa qatt ma kellu relazzjoni ma' Zangari u kien Grech li kellu jieħu azzjoni kontra Zangari. Jgħid ukoll li huwa kien informa lil Grech li kellu jagħmel rapport mas-soċjetà t'assigurazzjoni dwar dan l-inċident u dan anke skont il-kuntratt. Murano jinsisti li r-responsabiltà għal

ħlas tad-danni hija tas-soċjetà attriċi. Spjega wkoll li huwa informa lil Grech li in vista ta' diversi nuqqasijiet, il-kont kellu jiġi rivedut u ġaladarba ġie aċċertat li l-*guards* kienu qegħdin jagħmlu użu mill-vetturi li kienu jinsabu fuq is-sit ta' kostruzzjoni, l-ispejjeż kellhom jiġu mnaqqsa. Ikkonkluda l-affidavit billi spjega li Zangari kien mar fuq il-post ta' kostruzzjoni u wara li ra l-ħsara li kien għamel, huwa kkonferma li kien ser iħallas tad-danni lis-soċjetà attriċi.

In kontroeżami spjega li huwa jikkontesta s-somma ta' €41,313.89 għaliex kien hemm nuqqasijiet kuntrattwali min-naħa tas-soċjetà attriċi, b'mod partikolari n-nuqqas ta' *guards* sabiex jinbidel ix-xift, nuqqas ta' tgħamir u inġenji. Meta ġie mistoqsi jekk żammx kopja tal-attendenza tal-*guards* ix-xhud jgħid li din ma kinitx għandu iżda f'idejn il-*guards* stess. Mistoqsi jekk qattx għamel ilmenti mas-soċjetà attriċi hu personalment, ix-xhud jgħid li l-ilmenti indirizzahom lil David Bonnici u lil wieħed ċertu John. Jgħid li huwa ilmenta direttament ma' Grech meta kien mar fuq il-post ta' kostruzzjoni wara li kien seħħ l-inċident. Meta ġie mistoqsi ta' min hi l-vettura Fiat Stilo, ix-xhud jgħid li hija proprjetà tas-soċjetà MDM Costruzioni Generali s.r.l. Dwar l-allegat awtorizzazzjoni mogħtija lil Zangari sabiex juża l-vettura, ix-xhud jgħid li huwa qatt ma ta dik l-awtorizzazzjoni u kien hu biss li seta' jagħti dik l-awtorizzazzjoni bħala Direttur tas-soċjetà MDM kif ukoll tal-konsorzju. Mistoqsi minn tah iċ-ċavetta tal-karozza, ix-xhud jgħid li ċ-ċwievet kienu jinżammu fl-uffiċju tal-*guard*. Jispjega wkoll li l-inċident seħħ meta s-sit kien magħluq – peress li kienu bil-vakanzi – u kien hemm biss preżenti l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi. Meta ġie mistoqsi f'liema sena inxtrat il-vettura, ix-xhud jgħid li ma jiftakarx u lanqas ma jiftakar jekk kinitx inxtrat ġdida jew *second hand*. Mistoqsi dwar kemm jikkwantifika d-dannu li sar, ix-xhud jgħid li huwa qabbad lill-Inġinier Carlo Rosini sabiex jagħmel kwantifikazzjoni tal-ħsara tal-vettura u tal-*lifter* u jgħid li l-valur kien bejn €24,000 u €25,000, inkluż l-ispejjeż sabiex krew *lifter* ieħor. Jikkonferma li l-*lifter* huwa magħmul mill-azzar. Ix-xhud ma kienx f'pożizzjoni jikkonferma jekk il-vettura ġietx skrepjata u lanqas jaf jekk intbagħtitx lura l-Italja. Jgħid li huwa kien l-Italja meta ġara l-inċident. Jispjega li ma jafx jekk il-*lifter* tranġax kompletament però jaf li għadu ġewwa Malta. Jispjega li x-xogħol kellu jieqaf sakemm ġie *lifter* ieħor għaliex il-*lifter* ma setax jintuża mingħajr *stabilizer*.

15. Xehed permezz t'affidavit l-**Inġinier Carlo Ronsini** fejn spjega li huwa kien l-inġinier tas-soċjetà MDM u tal-konsorzju fuq żewġ siti Malta relatat ma' żewġ proġetti - National Flood Relief Project (NFRP) – Tender for Design & Build of

Birkirkara, Gzira, Wied is-Sewda Storm Water CT 3032/2011 u National Flood Relief Project (NFRP) – Design and Build of Zabbar-Marsascala Tunnels. Jispjega li hu flimkien ma' kollegi tiegħu kienu responsabbli "*del controllo e della gestione dei fornitori oltre che del cantiere*."[8] Il-kontrolli ta' sigurtà saru minn Signal 8 Security Services Malta Ltd wara li kien ġie ffirmat kuntratt fit-18 ta' Marzu 2013 ma' liema kien anness *insurance policy*. Jispjega li hu personalment kien ilmenta ma' David Bonnici, li kien ikun preżenti fuq is-sit ta' kostruzzjoni, sabiex jinforma lid-diriġenti tas-soċjetà attriċi li frekwentament il-*guard* ma kienx imur u kienu jibqgħu fuq is-sit jistennew sigħat sħaħ sakemm jiġi xi ħaddieħor. Jgħid li huwa lmenta wkoll li l-*guards* ma kinux jilbsu tgħamir protettiv u lanqas ma kellhom il-mezzi sabiex jagħmlu l-kontrolli meħtieġa. Jgħid li fit-3 ta' Jannar 2016, Manfredi Zangari kien ċempillu sabiex jinformah li waqt li kien qiegħed juża l-vettura Fiat Stilo huwa kien ħabat, liema vettura huwa uża mingħajr awtorizzazzjoni ta' MDM u li kkawża ħsara estensiva lill-karozza kif ukoll fuq *lifter* li kien fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Jgħid li kif wasal Malta huwa ta' direzzjonijiet sabiex tintbagħat komunika dwar l-inċident lil Signal 8 u fil-fatt dan sar minn Joe Cassar fid-19 ta' Jannar 2016. Jgħid li Grech mar fuq il-post ta' kostruzzjoni u tkellem ma' Mario Muranao. Jgħid li huwa kien ingħata struzzjonijiet sabiex jagħmel rapport tad-dannu u sab li l-karrozza kellha ħsarat li jeċċedu l-valur tal-vettura dak iż-żmien li kien ta' €7,000. Il-*lifter* min-naħa l-oħra kellu ħsarat fl-i*stabilizer* li kien jirrekjedi tiswijiet. Skont l-Inġinier kienu jeħtieġu 3 mekkaniks għal 40 siegħa kull wieħed kif ukoll il-ħtieġa tal-*parts*. Il-valur ta' dan kollu kien ta' €6,400 għal *parts* filwaqt li l-valur tal-mekkanik kien ta' €5,392.80. Total għalhekk ta' €18,792.80. Ix-xhud jgħid li huwa għamel stima tad-dannu indirettament soffert minnhom. Jgħid li l-vettura Fiat ma setgħetx tintuża u għalhekk kellha tiġi skrepjata l-Italja b'riżultat li kien hemm l-ispejjeż tat-trasport u ta stima ta' €2,500 għal dan it-trasport u €200 sabiex tiġi skrepjata. Jgħid ukoll li magħhom għandhom jiżdiedu t-taxxa tat-triq kif ukoll l-assigurazzjoni li kien jonqoshom sitt xhur oħra u liema ma kinux rimborsabbli u dan bil-valur ta' €300 għall-assikurazzjoni u €144.90 għat-taxxa tat-triq u għalhekk it-total huwa ta' €3,144.90. Jispjega li inkera *lifter* simili sabiex ix-xogħol ma jitwaqqafx u l-valur kien ta' €150 il-ġurnata b'total ta 19-il ġurnata b'valur globali ta' €2,850. It-total globali ta' danni indiretti ġie stmat b'mod globali bħala €5,994.90.

[8] Fol 268 tal-proċess.

Ikkalkula li d-danni globali riżultat tal-inċident kienu fl-ammont ta' €24,787.70.

B'referenza għan-nuqqasijiet dwar tgħamir jgħid li uħud mill-ħaddiema tas-sigurta' kienu jiġu b'*shorts* u *t-shirt*, tgħamir li mhux loku f'post ta kostruzzjoni, però jikkonferma li l-maġġor parti kienu jkunu bl-uniformi però ma jiftakarx eżatt id-dati. Jgħid li l-ħaddiema ma kellhomx vettura biex iduru s-sit ta' kostruzzjoni, lanqas kienu mgħammra b'torċ għajr għad-dawl li kien hemm fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Mistoqsi jekk jafx x'fih il-kuntratt jgħid li ma jafx eżatt x'fih il-kuntratt. Meta ġie mistoqsi jekk kienx preżenti għal-laqgħa bejn Grech u Murano, ix-xhud l-ewwel jgħid li ma kienx preżenti imbagħad jgħid li ma jiftakarx. Jgħid li huwa kien jilmenta ma' Cassar permezz tat-telefown dwar in-nuqqasiet. Meta ġie mistoqsi jekk qattx tkellem direttament ma' Signal 8, ix-xhud jgħid li le. Dwar il-vetturi, ix-xhud jgħid li huwa kien iħalli l-karozzi pparkjati u miftuħin biċ-ċavetta fihom sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-kollegi tiegħu. Jgħid li l-awtorizzazzjoni sabiex tintuża karozza tingħata minn Mario Murano. Meta ġie mistoqsi jekk jafx min kien awtorizzat juża l-vetturi, ix-xhud jgħid li kienu l-ħaddiema tas-soċjetà li setgħu jużawhom. Dwar il-ħsara li kien hemm fuq il-vettura ix-xhud jikkonferma li l-ħsara kienet fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura u mhux fuq wara. Mistoqsi jekk għandux kwotazzjoni tax-xogħlijiet fuq il-vettura, ix-xhud jgħid li m'għandu xejn bil-miktub, però huwa kiseb opinjoni minn għand mekkanik ħabib Taljan u jikkonferma li qatt ma talab kwotazzjoni minn mekkanik Malti. Jgħid li l-*parts* ġodda kienu ser jiswew aktar mill-vettura. Jikkonferma li l-*parts* kienu ser jinxtraw mill-Italja u t-tiswijiet kienu ser isiru l-Italja. Mistoqsi min ried li l-vettura tissewwa ġewwa l-Italja, ix-xhud jgħid li huwa ried isewwiha hemm. Jgħid li kien il-mekkanik tiegħu ġewwa l-Italja li qallu li ma kienx *vale la pena* li jsewwi ġewwa Malta. Dwar il-*lifter* Merlo, ix-xhud jikkonferma li huwa ppreżenta stima tal-*parts* sabiex jissewwa l-imsemmi, dwar il-valur ta' kull mekkanik għal kull siegħa ħadha minn tabella tal-Kamra tal-Kummerċ. Mistoqsi "*Allora possiamo concludere convincetemente che lei a assunto, a fatto un assunzione sulle ore necessarie per riparare il veicolo, le persone necessarie per riparare il veicolo, e la rata oraria per riparare il veicolo*", ix-xhud wieġeb li "*La rata oraria non o fatto nessun assunzione e da tabelle di camera di commercio Italiane*."[9] Mistoqsi jekk ikkunsidrawx isewwu l-*lifter* Malta, ix-xhud jgħid li ma kien jaf b'ebda mekkanik awtorizzat ġewwa Malta

[9] Fol 300 *a tergo* tal-proċess.

sabiex jagħmel it-tiswijiet. Ġie mistoqsi jekk saqsewx lis-soċjetà li kienu in konsorzju magħha ġaladarba kienet Maltija, ix-xhud jgħid li ma jiftakarx. Jgħid li huwa staqsa lil Mero direttament jekk kienx hawn xi ħadd Malta li jistgħu jagħmlu x-xogħol u ma kinux f'pożizzjoni li jtuh isem. Jgħid li dan għamlu permezz ta' telefonata. Mistoqsi imbagħad dwar jekk attwalment tħallsux id-danni indiretti imsemmija, ix-xhud jgħid li ma jafx. Mistoqsi jekk sarux it-tiswijiet meta għamel l-affidavit tiegħu, ix-xhud jgħid li ma jafx jekk sarux. Mistoqsi jekk iċċekkjax jekk il-vettura setgħetx tiġi skrepjata Malta, ix-xhud jgħid li le. Dwar il-*lifter* jgħid li inkera ieħor minfloku però ma jiftakarx il-fornitur, però jikkonferma li inkrew minn Malta. Jikkonferma li ġaladarba krew *lifter* ieħor, ix-xogħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni ma waqafx.

Ikkunsidrat

**Mhux leġittimu kontradittur u l-ġudizzju mhux integru**

16. Is-soċjetà Bonnici Brothers laqgħet għat-talbiet attriċi billi preliminarjament eċċepiet li m'hijiex il-leġittimu kontradittur peress li ma tifformax parti mill-konsorzju BM Tunnel JV u s-soċjeta' attriċi ma rrendiet l-ebda servizz lilha. Titlob għalhekk li tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju. Min-naħa tagħha is-soċjetà MDM eċċepiet b'mod preliminari li l-ġudizzju m'huwiex integru peress li mhux il-partijiet kollha huma parti fil-kawża.

17. Minn eżami tal-ftehim ta' konsorzju[10] jirriżulta li l-konsorzju ġie ffurmat bejn MDM Costruzioni Generali s.r.l u Bonnici Brothers Contractors Ltd. Fit-12 ta' Lulju 2013 sar addendum għall-ftehim tal-konsorzju[11] u hemm ukoll il-kumpaniji involuti baqgħu MDM Costruzioni Generali s.r.l u Bonnici Brothers Contractors Ltd.

18. Kien għalhekk li s-soċjetà attriċi talbet il-kjamat in kawża tas-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd li għamlet tagħha l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà Bonnici Brothers Ltd safejn kienu relevanti. Bil-kjamat in kawża ta' din is-soċjetà l-eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux integru ġiet sorvolata.

19. Tenut kont li s-soċjeta' konvenuta Bonnici Bros Ltd ma hiex parti fil-kuntratt mas-soċjeta' attriċi, l-eċċezzjoni li ma hiex leġittimu kontradittur tirriżulta li hi

[10] Fol 122 et seq tal-proċess.
[11] Fol 139 et seq tal-proċess.

fondata, qed tiġi akkolta u konsegwentement il-Qorti qed tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Il-konsorzju m'għandux persunalità ġuridika**

20. Kemm is-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd kif ukoll is-soċjetà MDM eċċepew li l-konsorzju bl-isem BM Tunnel JV m'għandux persunalità ġuridika u għalhekk m'għandu ebda *locus standi* f'din il-kawża. Is-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd eċċepiet ukoll li s-soċjetà attriċi għandha tipprova li l-konsorzju huwa prosegwibbli indipendentement mill-entitajiet li jikkomponuh.

21. Fl-aħħar seduta kien hemm qbil illi BM Tunnel Joint Venture hija fil-verità *tradename* ta' *joint venture* bejn is-soċjetà kjamata in kawża u MDM Costruzioni Generali s.r.l.

22. Filwaqt li s-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd ma tagħmel ebda referenza għal dawn l-eċċezzjonijiet fit-trattazzjoni tagħha, is-soċjetà estera tagħmel referenza għas-sentenza **Rockcut Ltd vs. BM Tunnels JV Konsorzju magħmul minn (I) Bonnici Bros. Contractos Ltd u (II) MDM Costruzioni Generali srl** mogħtija fit-8 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

> "12. Fuq din il-materja l-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet fis-sentenza fl-ismijiet '**PR20 JV konsorzju magħmul minn Rockcut Limited (C-10164) u Pato SRL v. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et**.' (Appell Ċivili Superjuri Numru 112/2021/1, 31 t'Awwissu 2021) illi:
>
> "il-konsorzju PR20 JV ma huwiex ħlief ditta, i.e. l-isem li bih iż-żewġ soċjetajiet li jiffurmawh – Rockcut Ltd u Pato SRL – imexxu n-negozju tagħhom għal dan il-proġett. L-appellanti huma effettivament iż-żewġ soċjetajiet eżerċenti l-kummerċ bid-ditta PR20 JV."
>
> 13. Fis-sentenza fl-ismijiet: '**Bonnici Bros Projects Limited u Shapoorji Pallonji (Malta) Limited, it-tnejn formanti l-konsorzju SP BB International JV v. Onorevoli Ministru għas-Saħħa noe. et**.' (Appell Ċivili Superjuri Numru 235/2018, 30 ta' Lulju 2018), il-Qorti tal-Appell (Superjuri)) qalet hekk:

"Jekk il-konsorzju ma għandux personalità ġuridika l-isem SP BB International JV huwa biss ditta, jew trade name: l-isem li bih persuna tinnegozja. Fil-każ tal-lum SP BB International JV huwa d-ditta li biha Bonnici Bros. Projects Limited u Shapoorji Pallonji (Malta) jmexxu n-negozju li għandhom flimkien. Il-persuni li jmexxu n-negozju, u li jiksbu u jintrabtu b'obbligazzjonijiet, huma dawk iż-żewġ soċjetajiet u mhux id-ditta li hija biss isem li tidentifikahom it-tnejn flimkien. Għalhekk, meta fir-rikors tal-appell jingħad illi r-rikors qiegħed isir minn SP BB International JV, li qiegħed jingħad hu illi qiegħed isir miż-żewġ soċjetajiet flimkien, u mhux li qiegħed isir minn entità li ma għandhiex personalità, għax l-isem huwa biss dak li bih tiġi identifikata l-persuna, u fil-każ tal-lum l-isem qiegħed jidentifika liż-żewġ membri tal-konsorzju. Li fil-fatt il-partijiet f'dawn il-proċeduri huma Bonnici Bros. Projects Limited u Shapoorji Pallonji (Malta) jidher ċar mill-occhio tar-rikors, li juri wkoll ċar li SP BB International JV huwa d-ditta li biha huma magħrufa ż-żewġ soċjetajiet għall-għanijiet ta' dan in-negozju. Ir-rikors tal-appell għalhekk sar sew, u ma hemmx in-nullità li qiegħda tara CMC. F'kull każ, ukoll li kieku l-isem tal-appellant kien muri ħażin, dan kien ikun nuqqas li jista' jissewwa taħt l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux nuqqas li jwassal għal nullità taħt l-art. 789 tal-istess Kodiċi."

14. Fiż-żewġ kawżi appena ċċitati, u fil-kawża odjerna, komuni bejniethom hemm il-fatt illi l-kawżi ma' ġewx miftuħa direttament minn (fil-kawża odjerna, direttament kontra) konsorzju iżda mill-kumpaniji li jifformaw parti minnu li lkoll jissemmew fl-okkju tal-każ. Fl-aħħar sentenza msemmija l-Qorti tal-Appell tat x'tifhem ukoll illi li kieku fl-okkju tal-kawża deher biss l-isem tal-konsorzju, dan in-nuqqas seta' anke jissewwa taħt l-Art. 175(2) tal-Kap. 12 b'talba għall-korrezzjoni fl-okkju."

23. Fil-każ odjern BM Tunnels JV hija d-ditta li biha Bonnici Contractors Ltd u MDM Costruzioni Generali srl imexxu n-negozju li għandhom flimkien. Ġaladarba l-isem BM Tunnels JV hija biss mezz ta' identifikazzjoni tagħhom flimkien, huma MDM Costruzioni Generali srl u Bonnici Brothers Contractors Ltd li jmexxu n-negozju u li jintrabtu b'obbligazzjonijiet. Għaldaqstant, anke fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata, l-Qorti tikkonkludi li BM Tunnels JV hija biss trademark u mhux entita distinta mill-membri tagħha (anke kif qablu l-

partijiet waqt l-aħħar seduta). Tajjeb jiġi wkoll sottolineat illi s-soċjetà attriċi ħarket li BM Tunnels JV bħala "konsorzju taż-żewġ entitajiet premessi".

24. Proċeduri ġudizzjarji kontra konsorzju f'tali ċirkostanzi ma jistgħux jiġu istitwiti mingħajr ma jkunu wkoll imsejħa l-membri li jikkomponu tali konsorzju u dan għaliex kif rajna il-konsorzju m'għandux persunalità ġuridika distinta. Fl-istes ħin pero' ma hemm xejn proċeduralment skorrett bil-fatt li s-soċjegta' attriċi ħarket liż-żewġ kumpaniji li jiffurmaw il-konsorzju (Joint Venture) u fl-istess ħin iċċitat l-isem li ż-żewġ kumpaniji mħarrka jużaw meta jaċċettaw u jeżegwixxu kuntratti flimkien.

25. Il-Qorti għalhekk qed tiddikjara illi għalkemm BM Tunnels JV m'għandhiex personalità ġuridika distinta mill-membri tagħha, hija ġiet ċitata bħala l-isem tal- konsorzju taż-żewġ entitajiet mħarrka li flimkien ikkuntrattaw mas-soċjeta' attriċi mhux b'mod individwali iżda flimkien b'isem komuni ta' BM Tunnel Joint Venture.

26. Fil-fehma tal-Qorti kien ikun aktar f'loku li kieku l-okkju kien jaqra 'Bonnici Contractors Limited u Costruzioni Generali srl it-tnejn formanti l-konsorzju BM Tunnels JV', iżda bil-mod kif l-okkju ġie impustat l-ebda preġudizzju ma nħoloq lill-partijiet. It-tielet eċċezzjoni ta' MDM u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħra aqed jiġu respinti għaliex mhux il-każ li l-Qorti tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju l-konsorzju msemmi.

Ikkunsidrat;

**Mertu**

27. Meqjusa l-eċċezzjonijiet preliminari imiss issa li jiġi trattat il-mertu tal-azzjoni ewlenija. Is-soċjetà attriċi tikkontendi li hija dovuta s-somma ta' wieħed u erbgħin elf tlett mija u tlettax-il ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€41,313.89) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' servizz ta' sigurtà mogħti lill-konsorzju bejn Mejju 2015 u April 2016. Il-konvenuti min-naħa tagħhom isostnu li tali somma m'għandhiex titħallas għaliex jallegaw li s-soċjeta' attriċi kienet inadempjenti fl-obbligi tagħha u ċioe (a) naqset milli tipprovdi servizzi ta' sigurtà tul il-ħinijiet kollha pattwiti u (b) naqset milli tipprovdi lill-ħaddiema tagħha bil-mezzi u bl-attrezzatura u ħwejjeġ konsoni max-xogħol li kellhom jagħmlu u s-servizzi li kellhom jingħataw.

28. Bħala punt ta' tluq dwar din materja jibqa' dejjem il-prinċipju illi *omnis labor optat premium*, u cioe' min jagħti xi servizz għandu dritt li jkun ikkumpensat għax-xogħol li jagħmel. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu 2010, fl-ismijiet **Nicky Saliba vs. Kunsill Lokali tan-Nadur** (App Ċiv 111/2003):

> "Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg għall-principju illi *omnia labor, optat premium*. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni [...]"

29. Huwa paċifiku bejn il-partijiet li s-soċjeta' attriċi ġiet ingaġġata miż-żewġ kumpaniji li jifformaw il-BM Tunnel Joint Venture. Il-kuntrast bejniethom jinstab fil-pretensjoni tal-konvenuti illi l-ammont reklamat mill-attriċi għandu jiġi ridott in vista tad-danni li l-konvenuti allegatament sofrew liema danni skond il-konvenuti hija responsabbli għalihom l-attriċi. Is-soluzjoni tal-vertenza tinsab fl-apprezzament tal-provi kontrastanti mressqa miż-żewġ naħat.

30. Opportun jingħad illi l-apprezzament tal-provi huwa regolat mill-prinċipju kardinali *actori incumbit onus probandi* u mill-prinċipju daqstant ieħor fundamentali fi proċess ġudizzjarju *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat*. Għaldaqsant filwaqt li s-soċjetà attriċi għandha l-oneru li tressaq il-provi tagħha dwar l-inkarigu lilha mogħti mill-konvenuti u dwar il-prezz miftiehem, il-konvenuti għandhom l-oneru li jressqu l-provi li ma kienx hemm sigurtà waqt il-ħinijiet patwiti kif ukoll li l-ħaddiema kienu neqsin minn tagħmir adegwat u mezzi sabiex iduru s-sit ta' kostruzzjoni kif ukoll id-danni kkaġunati lill-meżżi tagħha minn ħaddiem tas-soċjeta' attriċi.

31. Għalkemm fil-kamp ċivili mhuwiex mistenni li l-attur jipprova l-każ tiegħu lil hinn mid-dubju dettat mir-raġuni, fl-istess ħin huwa mistenni illi l-provi jkunu

tali li jnisslu f'min irid jiddeċiedi dak il-konvinċiment morali meħtieġ li l-provi għandhom mis-sewwa.[12]

32. F'kawża għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu pretiż bħalma hi dik odjerna jaqa' fuq l-attur l-oneru li jġib l-aħjar prova tal-kreditu minnu pretiż.[13] Jekk l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa debitur tiegħu, ma jiskatta l-ebda oneru fuq il-konvenut li jrid iressaq xi prova.[14] Huwa biss meta l-attur jirnexxielu jressaq provi konvinċenti dwar il-kreditu minnu pretiż li jiskatta fuq il-konvenut l-oneru li jressaq provi konvinċenti li l-kreditu mhux dovut.[15]

33. Dwar l-evalwazzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet li tkun f'konflitt, huwa miżmum illi "Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lill-attriċi milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[16]

34. Is-soċjetà attriċi ppreżentat l-ftehim t'appalt wieħed datat 22 t'Ottubru 2012 għal *security guard* (gwardjan) fl-Imrieħel limiti ta' Ħ'Attard u ieħor datat 18 ta' Marzu 2013 għal *security guard* ġewwa t-Technopark tal-Mosta. Skont l-iskeda annessa mal-ewwel kuntratt, il-ftehim kien sabiex is-servizz ta' sigurtà jingħata erbgħa u għoxrin (24) siegħa mit-Tnejn sal-Ħadd bil-possibilità li l-ħinijiet ikunu varjati fuq talba tal-konvenuti. F'dan il-post kellu jintbagħat *"one uniformed guard"*.[17] Is-servizz li kellu jingħata kien is-segwenti: "*as per mutually agreed detailed assignment instructions outlining all operational details including detailed patrol using the Guard Buddy Pro.*"[18] Ir-rata maqbula

---

[12] Ara **Nancy Caruana vs. Odette Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Frar 2004.
[13] Ara **Maria Stella Calleja vs. Brian Degiorgio** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-17 ta' Marzu 2022.
[14] Ara **Angelo Xuereb noe. Vs. Godwin Migneco et. noe**. deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017.
[15] **Joe Chetcuti et. vs. Joseph Pearson et. noe.** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) tal-5 ta' Ottubru 1998.
[16] **Emanuel Ellul vs. Anthony Busuttil** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2001.
[17] Fol 98 tal-proċess.
[18] *ibid.*

kienet ta' €5.20 għal kull security fis-siegħa għas-sena 2012 u €5.25 għas-sena 2013 (liema rata ma tinkludix il-VAT). Fir-rigward tat-tieni ftehim, kellu jkun hemm hemm "*one uniformed guard*"[19] u s-servizz kellu jingħata mill-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar sas-sitta u nofs ta' filgħodu matul il-ġimgħa u min-nofsinhar sas-sitta u nofs ta' filgħodu bejn is-Sibt u t-Tnejn. Is-servizz li kellu jingħata kien identiku għal dak miftiehem fil-kuntratt tat-22 t'Ottubru 2012. Ir-rata kienet ta' €5.25 fis-sena għal kull *guard* (rata ma tinkludix VAT).

35. Is-soċjetà attriċi ppreżentat *statement*[20] maħruġa minnha fit-23 ta' Ġunju 2016 tal-ammont dovut mill-konsorzju flimkien mal-*invoices*[21] ta' kull xahar li l-maġġor parti tagħhom jindikaw il-post fejn ingħata s-servizz. Dawn l-invoices huma kollha indirizzati lill-konsorzju.

36. Ebda waħda minn dawn il-fatturi ma ġew ikkontestati mill-konvenuti dwar il-veraċita' tagħhom ħlif li l-ħinijiet mogħtija ma kinux skont kif miftiehma. Mill-provi rriżulta li kien jinżamm ġurnal tal-ħinijiet kif ukoll tax-xogħol li kien isir mill-gwardjan. Filwaqt li s-soċjetà attriċi tgħid li dan il-ġurnal huwa proprjetà tal-konvenuti u allura kellu jkun fil-pussess tagħhom sabiex jipproducuh, il-konsorzju tgħid li dan il-ġurnal kien inżamm mill-gwardjan, impjegat tas-soċjeta' attriċi.

37. Il-konvenuti jallegaw ukoll li l-gwardjani ma kinux mogħtija t-tgħamir adegwat u l-mezzi sabiex jagħmlu x-xogħol tagħhom. Ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, Joseph Grech, jinsisti li huwa qatt ma rċieva lmenti minn xi wieħed mill-konvenuti la li l-ħaddiema ma kinux qegħdin jidħlu fil-ħin għax-xogħol u wisq aktar li ma kinux qegħdin imorru bit-tgħamir mogħti lilhom. Min-naħa l-oħra Grech jikkonferma li huwa qatt ma ta vettura lill-gwardjani sabiex jagħmlu r-ronda u dan għaliex is-servizz li ġew mitluba jagħtu ma kien jeħtieġ ebda vettura.

38. Ir-rappreżentant ta' MDM, Mario Murano jgħid li huwa kien informa b'mod telefoniku lir-rappreżentanti tas-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd dwar dan però huwa personalment qatt ma kien informa lil Joseph Grech dwar dawn l-allegati nuqqasijiet. Jgħid li kien biss waqt il-laqgħa li huma kellhom wara l-inċident (li ser jiġi trattat fit-taqsima tal-kontro-talba), u ċioe

[19] Preżentat waqt ix-xhieda in kontro-eżami ta' Joseph John Grech a fol 103 tal-proċess.
[20] Fol 166 tal-proċess.
[21] Fol 167 et seq tal-proċess.

xi żmien wara d-19 ta' Jannar 2016 li huwa kien tgħarraflu xi ħaġa għall-ewwel darba dwar dan.

39. L-Inġinier Ronsini fl-affidavit jgħid li huwa wkoll kien għamel diversi ilmenti mar-rappreżentanti tas-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd dwar l-allegati nuqqasijiet, però in kontro-eżami ikkonferma li huwa personalment qatt ma kien informa lir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi. In oltre fl-affidavit ħalef ukoll li waqt il-laqgħa li kienet saret rigwardanti l-inċident, Murano kien informa lil Grech dwar l-allegat nuqqasijiet però meta in kontro-eżami ġie mistoqsi jekk kienx preżenti waqt din il-laqgħa huwa għall-ewwel qal li le, meta reġgħa ġie mistoqsi jekk kienx preżenti waqt din il-laqgħa huwa għadda sabiex jgħid li ma jiftakarx jekk kienx preżenti. Fil-fehma tal-Qorti x-xhud Ronsini ma hux attendibbli f'dan ir-rigward.

40. Rappreżentanti tas-soċjetà Bonnici Brothers Contractors Ltd ma telgħux jixhdu dwar din l-allegazzjoni. Il-Qorti tinnota wkoll li lanqas ġew ippreżentati provi oħra, bħal korrispondenza elettronika li biha nfurmaw lir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi dwar l-allegati nuqqasijiet, lanqas ma ġew ippreżentati xi ritratti.

41. MDM tinsisti li s-somma dovuta minnha għandha tiffattura fiha l-użu tal-vettura tagħha mill-gwardjani ingaġġati mis-soċjetà attriċi. Li kien hemm użu ta' darba ta' waħda mill-vettura li kienet tinstab fuq is-sid ta' kostruzzjoni minn gwardjan ma tistax tiġi miċħuda in vista li kien seħħ inċident waqt li kien qiegħed isuqha. Jgħidu li din però ma kinitx l-unika darba u għalkemm jinsistu li dan il-gwardjan kien ikkonferma magħhom li ma kinitx l-unika darba li użaha, prova ta' dan ukoll ma nġabitx. Lanqas ma nġabet prova ta' kemm-il darba semai intużat u b'kemm qegħdin jippretendu li titnaqqas is-somma minnhom dovuta lis-soċjetà attriċi sabiex jiġi koperat l-allegat użu. Jekk verament il-konvenuti kellhom xi pretensjoni dwar l-użu tal-vettura tagħhom mill-impjegati tal-attriċi waqt li kienu qed jagħtu s-servizz tagħhom lill-konvenuti kull ma kellhom jagħmlu kien li jieħdu l-prewkazzjoni meħtieġa sabiex tali vettura ma tkunx tista' tintuża minn impjegati tal-attriċi. It-traskuraġni apparenti da parti ta' MDM f'dan ir-rigward ma ssarrafx fi pretensjoni fondata għal riżarċiment ta' użu ta' vettura mingħajr l-iċken prova dwar kemm-il darba din il-vettura intużat u l-ħin f'kull użu tagħha.

42. Il-Qorti tosserva li aktar milli kontradizzjoni ta’ provi jew konflitt fil-provi, aktar tqis li hemm nuqqas ta’ provi sabiex jiġu ppruvati l-allegazzjonijiet mressqa mis-soċjetajiet konvenuti. In linea ma’ dak li jipprovdi **Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** illi “l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah” il-Qorti tgħaddi sabiex tikkonkludi li ġaladarba l-konvenuti naqsu milli jipprovaw dak li ġie allegat minnhom sejra tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti.

43. Il-Qorti tqis illi mill-kumpless tal-provi prodotti ġie ppruvat sodisfaċentement illi l-konvenuti verament talbu lill-attriċi għas-servizz ta’ sigurtà u li dak is-servizz ingħata mis-soċjetà attriċi kif juru l-*invoices* eżebiti u li konsegwentement huma debituri tas-soċjetà attriċi fis-somma ta’ wieħed u erbgħin elf tlett mija u tlettax-il ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€41,313.89). Ma jirriżultax li s-soċjeta’ attriċi talbet ħlas għal servizz li ma ġiex prestat. Bid-difiża tal-konvenuti li l-attriċi ma onoratx in-numru ta’ siegħat li kienet obbligat ruħha li tippresta, irrispettivament jekk tali difiża hiex fondata jew le, jibqa’ li l-konvenuti huma marbuta li jħallsu tas-servizz prestat. La darba l-konvenuti ma resqu l-ebda prova li turi li l-invoices jinkludu pretensjoni ta’ servizzi li ma ġewx prestati, il-konvenuti huma fl-obbligu li jħallsu tas-servizz prestat. Fil-fehma tal-Qorti is-soċjeta’ attriċi resqet biżżejjed provi sabiex tissostanzja t-talba tagħha għall-ħlas tas-somma reklamata ta’ €41,313.89.

Ikkunsidrat;

**Kontro-Talba**.

44. Meqjusa t-talba attriċi u l-eċċezzjonijiet għall-istess imiss li issa tiġi trattata l-kontro-talba mressqa minn MDM fejn qed titlob lill-attriċi tħallasha d-danni b’konsegwenza tal-inċident tat-3 ta’ Jannar, 2016 meta impjegat tal-attriċi saq vettura ta’ MDM u kkaġuna kolliżżjoni.

**Eċċezzjoni preliminari: Kontro-talba improponibbli**

45. Is-soċjeta’ attriċi rikonvenzjonata Signal 8 Security Services Ltd eċċepiet li t-talba rikonvenzjonali magħmula mis-soċjeta’ rikonvenzjonanti MDM hija improponibbli peress li tqis li ma tissodisfax l-elementi rikjesti bl-**Artikolu 396 et seq tal-Kapitolu 12**.

46. **Artikolu 396** jaqra hekk:

> "Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:
>
> (a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew
>
> (b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."

47. Għalkemm l-**Artikolu 396 tal-Kapitolu 12** jipprovdi li t-talba fil-kontro-talba trid tkun konnessa mat-talba tal-attur, wieħed irid jiftakar li huma żewġ azzjonijiet indipendenti minn xulxin (ara **Artikolu 401**). Għalhekk m'hemmx ħtieġa li r-rikonvenzjoni tkun dipendenti fuq it-talba tal-attur. Il-Qorti tasal biex taċċetta li bir-rikonvenzjoni MDM qiegħda ukoll tipprova iġġib fix-xejn it-talba tas-soċjetà attriċi billi hi wkoll tiġi ddikjarata li hija kreditriċi tal-attriċi. Jekk is-soċjetà attriċi jkollha suċċess fit-talbiet u fl-istess ħin MDM jkollha wkoll suċċess fit-talbiet rikonvenzjonali tagħha, isseħħ tpaċija *ipso jure* (**Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili**).

48. Fis-sentenza **L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli et nomine vs Surgiquip Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-16 ta' Diċembru 2003, ġie osservat:

> "jekk f'dawk il-proceduri tigi proposta kontro-talba, li wara kollha ghandha l-aspetti kollha ta' citazzjoni indipendenti, u bhala rizultat jkun jidher li l-konvenut huwa wkoll kreditur ta' l-attur, anke b'rispett lejn il-principju li ma ghandux ikun hemm multiplicita' ta' proceduri zejda bejn l-istess kontendenti, l-krediti reciproci ghandhom jigu pacuti.".[22]

49. F'dan ir-rigward il-Qorti issib li ġaladarba bit-talba rikonvenzjonali potenzjalment tista' sseħħ tpaċċija ai termini tal-Artikolu 396 (b), il-Qorti sejra

[22] Ara wkoll **Priscilla Cassar vs. Robert Farrugia** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 t'Ottubru 2013.

tiċħad din l-eċċezzjoni u tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tat-talbiet tas-soċjetà rikonvenzjonanti.

Ikkunsidrat;

**Mertu tal-Kontro-Talba.**

50. MDM resqet kontro-talba titlob dikjarazzjoni li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata hija responsabbli għad-danni minnha sofferti bħala riżultat tal-inċident li seħħ fis-sitt ta' kostruzzjoni fit-3 ta' Jannar 2016 u talbet għalhekk il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

51. Is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata eċċepiet li MDM "trid qabelxejn iġġib l-aħjar prova fil-liġi illi hija s-sid tal-vettura Fiat Stilo bin-numru ta' reġistrazzjoni CZ989TY u tal-*lifter* Merlo Roto 38.16".

52. Rinfaċjata b'din l-eċċezzjoni, MDM, għalkemm baqgħet tinsisti li hija s-sid taż-żewġ vetturi imsemmija, naqset milli ġġib prova sodisfaċenti dwar il-pretensjoni tagħha bħal ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura jew prova tal-assikurazzjoni mħallsa minnha fuq dawn iż-żewġ vetturi.

53. Fin-nuqqas ta' l-aħjar prova li suppost ma kien hemm l-ebda diffikulta' sabiex titressaq, il-Qorti tqis li MDM ma rnexxiliex tissostanzja l-pretensjonijiet rikonvenzjonali tagħha.

54. Għal grazzja tal-argument biss, anke li kieku s-soċjetà rikonvenzjonanti ġabet din il-prova, issib li l-istess soċjetà naqset milli ġġib numru ta' provi oħra rilevanti. L-Inġinier xhed li biex wasal għal valutazzjoni tad-dannu huwa ħa fost oħrajn kont tal-valur tal-vettura li skontu kellha tiġi skrepjata, ir-rimamenti *road tax* u assikurazzjoni ġia mħallsa, u wkoll li nkera *lifter* ieħor minn Malta.

55. Il-Qorti tinnota li ma nġabet ebda dokumentazzjoni li turi l-valur veru tal-vettura fiż-żmien tal-inċident, ebda dokumentazzjoni li turi li trasport sabiex il-vettura tiġi skrepjata l-Italja verament huwa ta' €2,500 u wisq anqas li l-valur tal-iskrepjar huwa ta' €200. Il-Qorti tinnota li ma nġabet ebda prova ta' x'ġara mill-vettura – jekk din għadhiex Malta u jekk ġietx skrepjata u meta Murano kif ukoll l-Inġinier ġew mistoqsija x'ġara mill-vettura, it-tnejn qalu li ma jafux. Ma nġabet ebda prova tal-ammont tat-taxxa tat-triq u tal-assikurazzjoni

rimanenti u lanqas ma tressqet prova dwar l-involviment, jekk kien hemm, tas-soċjetà assikuratriċi. Fir-rigward tal-*lifter* ingħad minn Murano li dan issewwa, mela kien mistenni li ta' lanqas jiġu ppreżentati l-irċevuti finali u mhux il-kwotazzjoni tal-*parts*. L-Inġinier jgħid li bħala prezzijiet tal-mekkanik huwa straħ fuq tabella maħruġa mill-kamra tal-kummerċ l-Italja, imma lanqas kopja ta' din it-tabella ma ġiet ippreżentata. Intalab il-valur ta' €5,994.90 għal *lifter* li nkera, però l-Inġinier la qal m'għand minn ġie mikri u lanqas ma ppreżenta l-irċevuta għal din is-somma.

56. Il-Qorti tqis li s-soċjetà rikonvenzjonanti ma ġabet ebda prova li turi li l-vettura u l-*lifter* ma setgħux jissewwew hawn Malta. Li jingħad li kien l-Inġinier li ried li l-vettura tissewwa l-Italja m'hijiex raġuni valida f'għajnejn din il-Qorti. Dan anke jingħad fid-dawl tal-fatt li kull min jallega li sofra dannu għandu l-obbligu safejn possibbli, u mingħajr il-ħtieġa ta' sforzi barra n-normal, li jara li d-dannu jiġi minimizzat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi t-talbiet attriċi u t-talbiet rikonvenzjonali bil-mod segwenti:

1. **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta Bonnici Brothers Ltd, tiddikjara li ma hiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba in kwantu l-mertu tagħha huwa eżawrit;

3. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjeta' konvenuta u mis-soċjeta' msejħa fil-kawża;

4. **Tilqa'** t-tieni talba attriċi, tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta MDM Costruzioni Generali srl u lis-soċjeta' msejħa fil-kawża Bonnici Brothers Contractors Ltd, iż-żewġ soċjetajiet kummerċjali formanti konsorzju taħt l-isem BM Tunnel Joint Venture, debituri tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf tlett mija u tlettax-il ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€41,313.89);

5. **Tilqa'** t-tielet talba attriċi, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta MDM Costruzioni Generali srl u lis-soċjeta' msejħa fil-kawża Bonnici Brothers Contractors Ltd, konsorzju taħt l-isem BM Tunnel Joint Venture, iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma imsemmija ta' wieħed u erbgħin elf tlett mija u tlettax-il ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€41,313.89) flimkien mal-imgħax legali mid-data ta' kull fattura fuq l-ammont hemm rispettivament indikat, sad-data tal-effettiv pagament;

6. **Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata għat-talbiet rikonvenzjonali;

7. **Tiċħad** it-talbiet rikonvenzjonali;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta MDM Costruzioni Generali srl u kontra s-soċjeta' msejħa fil-kawża Bonnici Brothers Contractors Ltd, in solidum bejniethom, ħlief għall-ispejjeż tas-soċjeta' konvenuta Bonnici Bros Ltd. li għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjeta' attriċi, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
19 t'Ottubru, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**